# 1 Is-sigriet

Għaddew ftit ġimgħat mhux ħażin minn dik id-darba li t-tfal kienu ltaqgħu mal-Kavallier Sant'Anton. L-arloġġ li sabu dakinhar kien għadu moħbi fil-kexxun ta' taħt is-sodda fejn Ġanni kien iżomm il-ġugarelli.



Malli jiġi mill-iskola,
għall-ħabta tat-tlieta u nofs,
kien jitla' jara għadux hemm.

It-tfal ma qalu lil ħadd.



Min kien se jemminhom dwar il-bieb maġiku tal-labirint? U min kien se jemminhom dwar il-Kavallier li ġie mill-passat u ħalla l-arloġġ warajh?

Tina, il-qattusa fuq ruħha, kienet ilha tagħmel l-għassa lil Ġanni. Darba ħatfet l-arloġġ il-qadim minn idu u marret taħbih fil-qoffa.





Qagħdet fuqu qisha qroqqa fuq il-bajd. Ġanni kellu jistenna li jaqbadha l-ġuħ u tqum biex jerġa' jieħdu lura.